Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 13 ta' Frar 2018**
**(OR. en)**

**14039/17**
**ADD 1 REV 1**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2017/0281 (NLE)**

**AELE 76**
**EEE 50**
**N 48**
**ISL 43**
**FL 33**
**MI 781**
**ECOFIN 910**
**UEM 300**
**STATIS 74**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| Nru dok. Cion: | COM(2017) 639 final/2 - ANNEX |
| Suġġett: | ANNESS ta' [...] Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li trid tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fi ħdan il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar emenda għall-Anness XXI (Statistika) tal-Ftehim ŻEE |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2017) 639 final/2 - ANNEX.

Mehmuż: COM(2017) 639 final/2 - ANNEX

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.2.2018
COM(2017) 639 final/2

ANNEX

This document corrects document COM(2017) 639 final of 6.11.2017
Concerns all language versions.
The title of the Annex has been changed.
The text should read as follows:

# ANNESS

**ta' [...]**

**Proposta għal**

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li trid tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fi ħdan il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar emenda għall-Anness XXI (Statistika) tal-Ftehim ŻEE**

# ANNESS

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2016/792 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-indiċijiet armonizzati tal-prezzijiet għall-konsumatur u l-indiċi armonizzat tal-prezzijiet tad-djar, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2494/95[1] għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(2) Ir-Regolament (UE) 2016/792 jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2494/95[2], li huwa inkorporat fil-Ftehim ŻEE u li konsegwentement għandu jitħassar skont il-Ftehim ŻEE.

(3) L-Anness XXI tal-Ftehim ŻEE jinħtieġ għalhekk li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

It-test tal-Punt 19a (ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2494/95) tal-Anness XXI tal-Ftehim ŻEE huwa sostitwit b'dan li ġej:

'**32016 R 0792**: Ir-Regolament (UE) 2016/792 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-indiċijiet armonizzati tal-prezzijiet għall-konsumatur u l-indiċi armonizzat tal-prezzijiet tad-djar, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2494/95 (ĠU L 135, 24.5.2016, p. 11).

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattament li ġej:

Dan ir-Regolament ma japplikax għal-Liechtenstein."

*Artikolu 2*

It-test tar-Regolament (UE) 2016/792 bl-Iżlandiż u bin-Norveġiż, li ser jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fi […], dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE[*].

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

---

[1] ĠU L 135, 24.5.2016, p. 11.

[2] ĠU L 257, 27.10.1995, p. 1.

[*] [Ma hu indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.] [Rekwiżiti kostituzzjonali indikati.]

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*
*Il-President*

*Is-Segretarji*
*tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*